# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 30 ta' Ottubru 2015**

**Numru**
**Rikors numru 952/2014 LM**

**Josephine Azzopardi f'isimha proprju u kif ukoll bħala prokuratriċi tal-imsiefra Anna Maria Saddemi, Patricia Anastasi u Greta Bartoli Parnis**

***v.***

**Philip Grima, Jacqueline Grima u Emma Grima**

1. Dan huwa appell tal-konvenuti minn dikriet mogħti fis-17 ta' Frar 2015 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li bih intlaqgħet talba tal-atturi għas-sospensjoni tas-smigħ tal-kawża sakemm tinqata' kawża oħra. Il-fatti relevanti huma dawn:

2. Il-konvenuti kellhom immobbli tal-atturi b'titolu ta' ċens li jagħlaq. Iċ-ċens fil-fatt għalaq fit-13 ta' Ġunju 2002 iżda l-konvenuti xorta

baqgħu jżommu l-fond. L-atturi għalhekk, billi igħidu illi l-konvenuti qegħdin iżommu proprjetà tagħhom bla titolu u għalhekk abusivament, fetħu kawża fl-ismijiet Joseph Barbara *et v.* Avukat Ġenerali *et* (citazzjoni numru 471/2005) biex jitolbu l-iżgumbrament tal-konvenut Philip Grima. Imbagħad, snin wara, fetħu din il-kawża tallum u qegħdin jitolbu illi l-qorti:

> "tiddikjara u tiddeċiedi illi … … … l-intimati għandhom iħallsu kumpens għall-okkupazzjoni tal-appartament … … … liema kumpens għandu jiġi kalkulat mid-data tal-għeluq taċ-ċens temporanju sad-data tal-effettiv żgumbrament;
>
> "tillikwida l-kumpens għall-imsemmija okkupazzjoni … … …;
>
> "tikkundanna lill-istess intimati jħallsu lir-rikorrenti l-ammont hekk likwidat."

3. Il-konvenuti ressqu dawn l-eċċezzjonijiet, fost oħrajn:

> "illi t-talba saret qabel żmienha u *cioè* intempestiva peress illi bl-ebda mod ma hemm id-dikjarazzjoni ġudizzjarja fil-konfront ta' Philip Grima jew tal-membri l-oħra tal-familja illi huwa qed jokkupa l-fond … … … mingħajr ebda titolu validu fil-liġi;
>
> "illi fit-talbiet ma hemmx talba għal dikjarazzjoni li l-esponenti qed jokkupaw mingħajr titolu u sempliċement jirreferu għal kawża pendenti Joseph Barbara *v.* Avukat Ġenerali *et* (ċit. Numru 471/2005)."

4. Fis-seduta tal-14 ta' Jannar 2015 imbagħad sar dan il-verbal:

> "Dr Philip Magri għar-rikorrenti jagħmel riferenza għall-kawża fl-ismijiet Perit Joseph Barbara *et noe v.* Avukat Ġenerali u Philip Grima ċit. numru 471/2005 u jitlob illi f'dan l-istadju din l-onorabbli qorti tistenna l-eżitu ta' dik il-kawża qabel tiddikjara l-għeluq tal-provi tal-partijiet.
>
> "Dr Joseph Brincat jopponi *stante* illi dawn il-fatti kienu magħrufa għar-rikorrenti qabel intavolat din il-kawża u *inoltre* hemm preġudizzju serju għall-intimat li għandu sekwestru kawtelatorju minħabba din il-kawża.
>
> "Dr Magri għar-rikorrenti jisssottometti ulterjorment li fir-rigward tal-mandat kawtelatorju imsemmi mil-intimat, l-istess intimat

huwa fil-libertà illi jieħu dawk ir-rimedji li jidhrulu li huma opportuni sabiex jittutela l-pretensjonijiet tiegħu.

"Dr Brincat jinsisti illi Philip Grima m'għandux ikun kostrett illi jieħu proċeduri waqt li jistenna eżitu ta' kawża oħra li r-rikorrenti setgħet faċilment tistenna qabel għamlet il-mandat u ppreżentat l-atti odjerni."

5. Fis-17 ta' Frar 2015 l-ewwel qorti tat il-provvediment li minnu sar dan l-appell tallum u iddeċidiet hekk:

> "… …… tilqa' t-talba tal-konvenuti [*recte*, atturi] Josephine Azzopardi *pro et noe* kif dedotta fis-smigħ tal-14 ta' Jannar, 2015, tordna s-soprasessjoni (sospensjoni) ta' din il-kawża, u konsegwentement tħalli l-kawża *sine die*, riappuntabbli skont il-*proviso* għall-artikolu 964(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, wara li ssir talba minn xi waħda mill-partijiet permezz ta' rikors sa żmien perentorju ta' ħmistax-il jum mid-data li fiha l-kawża fl-ismijiet Perit Joseph Barbara *et noe v.* Avukat Ġenerali u Philip Grima (ċitaz. nru 471/2005) tkun għaddiet in ġudikat."

6. L-ewwel qorti waslet għal din il-konklużjoni wara li għamlet dawn il-konsiderazzjonijiet:

> "Tqis illi l-azzjoni mressqa permezz ta' din il-kawża, ċjoè talba għall-ħlas ta' kumpens għall-okkupazzjoni tal-fond mingħajr ebda titolu, u l-azzjoni mressqa permezz tal-kawża ċitaz. nru 471/2005, ċjoè talba għall-kundanna tal-konvenut Philip Grima sabiex fi żmien qasir u perentorju jiżgombra mill-fond billi qiegħed jokkupah mingħajr ebda titolu fil-liġi, dawn iż-żewġ azzjonijiet setgħu anki saru permezz ta' kawża waħda.
>
> "Illi għalhekk il-fatt li ż-żewġ azzjonijiet kienu mressqin permezz ta' żewġ kawżi differenti, meta l-liġi kienet tippermetti li dawn l-azzjonijiet jiġu anki mressqin f'kawża waħda, bl-ebda mod ma jista' jingħad li qegħdin jiġu preġudikati d-drittijiet tal-konvenuti jekk dawn iż-żewġ kawżi jinstemgħu kontestwalment, jew jekk issir is-soprasessjoni (is-sospensjoni) a tenur tal-artikolu 964(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta ta' din il-kawża pendenti l-eżitu tal-kawża fl-ismijiet Perit Joseph Barbara *et nomine v.* Avukat Ġenerali u Philip Grima (ċitaz. nru 471/2005).
>
> "Tqis illi li kieku dawn iż-żewġ azzjonijiet ġew imressqin f'kawża waħda flok f'żewġ kawżi separati, l-atturi xorta waħda kien ikollhom id-dritt li jitolbu l-ħruġ a favur tagħhom ta' mandat kawtelatorju kontra l-konvenuti sabiex jikkawtelaw il-pretensjoni tagħhom għall-kumpens għall-okkupazzjoni mingħajr ebda titolu tal-fond inkwistjoni.

"Barraminhekk l-konvenuti fi kwalunkwe każ ikollhom id-dritt li jieħdu dawk il-proċeduri opportuni għal ħruġ ta' kontromandat *ai termini* tal-artikolu 836(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jekk *inter alia* jintwera li l-ammont mitlub fl-imsemmi mandat kawtelatorju ma jkunx *prima facie* ġustifikat jew ikun eċċessiv.

"Illi in kwantu għall-preġudizzju li allegatament qegħdin isofru minnu l-konvenuti għax skont l-avukat difensur tagħhom dawn għandhom sekwestru kawtelatorju kontra tagħhom minħabba din il-kawża, il-qorti ma tqisx illi l-konvenuti qegħdin isofru minn xi preġudizzju akbar milli kienu jsofru li kieku ż-żewġ azzjonijiet ġew ippreżentati fl-istess kawża flok f'żewġ kawżi separati kif fil-fatt seħħ f'dan il-każ.

"Tqis illi abbażi tal-fatti u provi akkwiżiti f'din il-kawża din il-qorti tikkonkludi li jkun opportun u fl-aħjar amministrazzjoni tal-ġustizzja illi tintlaqa' t-talba għal soprasessjoni ta' din il-kawża."

7. Il-konvenuti appellaw minn dan il-provvediment b'rikors tat-23 ta' Frar 2015 li għalih l-atturi wieġbu fit-18 ta' Marzu 2015.

8. L-ewwel aggravju tal-konvenuti ġie minnhom imfisser hekk:

> "F'din il-kawża, b'differenza mal-kawża 471/2005, hemm tliet konvenuti, fil-waqt li fil-kawża l-oħra Jacqueline Grima u Emma Grima bl-ebda mod ma jikkonfiguraw. Kif jistgħu dawn jistennew eżitu ta' kawża li mhumiex fiha? Fi ftit kliem, ma ma hemmx kawża kontra tagħhom li jridu jistennew għax l-anqas hija proposta kontra tagħhom."

9. Dan huwa minnu, u l-effett tas-sentenza fil-kawża 471/2005 fuq il-posizzjoni legali tal-konvenuti Jacqueline Grima u Emma Grima jista' jkun jiddependi fuq jekk it-titolu ta' dawn jiddependix fuq dak ta' Philip Grima. Xorta jibqa' l-fatt iżda illi jekk il-konvenut Philip Grima għandux jew le titolu li jiswa għall-okkupazzjoni tal-fond jiddependi fuq l-eżitu tal-kawża 471/2005, u għalhekk ikun għaqli u xieraq illi, kif iddeċidiet l-ewwel qorti, il-kawża tallum tistenna li tinqata' l-kawża l-oħra.

10. Dan l-ewwel aggravju huwa għalhekk miċħud.

11. It-tieni aggravju ġie mfisser hekk:

> "… … … ma kienx legalment korrett li l-atturi stess jitolbu s-soprasessjoni, meta ndunaw li għamlu l-kawża qabel żmienha, u allura biżżejjed li intavolawha u jħalluha fuq l-ixkaffa tistenna. Jekk imbagħad il-konvenuti kienu taw l-eccezzjoni tal-intempestività għandhom dritt li l-eċċezzjoni tagħhom tintlaqa' jew tinċaħad fi żmien raġonevoli. L-ewwel onorabbli qorti qalet li l-atturi setgħu għamlu t-talba għall-iżgumbrament u l-kawża għad-danni f'kawża waħda. Dan hu minnu imma ma sarx hekk, u għalhekk japplika l-prinċipju li *selecta una via non datur recursus ad alteram*. Konvenut għandu wkoll ikollu ċertezza tal-proċeduri kontra tiegħu."

12. L-għażla proċedurali li għamlu l-atturi – li meta fetħu l-ewwel kawża ma talbux ukoll il-kumpens għall-okkupazzjoni bla titolu – kienet waħda leġittima u setgħet ukoll kienet għaqlija għax tnaqqas l-ispejjeż li kieku l-ewwel kawża nqatgħet malajr. Fiċ-ċirkostanzi iżda ġara li l-ewwel kawża ma nqatgħetx malajr u l-atturi kellhom jiftħu wkoll il-kawża tallum, ukoll biex jistgħu jżommu fis-seħħ mandati kawtelatorji. Jekk id-dewmien biex tinqata' l-ewwel kawża kienx attribwibbli għall-ħtija ta' xi ħadd u jekk fl-aħħar mill-aħħar kinitx għaqlija d-deċiżjoni tal-atturi li jaqsmu l-meritu f'żewġ kawżi meta setgħu għamlu kawża waħda huma kwistjonijiet li eventwalment jistgħu jkunu relevanti għall-għanijiet tad-deċiżjoni dwar l-ispejjeż ġudizzjarji iżda ma humiex kwistjonijiet li jistgħu jinqatgħu f'dan l-istadju. Li hu relevanti hu illi l-atturi ma għamlu xejn illi l-liġijiet tal-proċedura ma jippermettux li jsir, u illi l-atturi kellhom interess leġittimu li ma

jkomplux jistennew qabel ma jiftħu l-kawża tallum sabiex ikunu jistgħu jħarsu l-pretensjonijiet tagħhom bil-ħruġ ta' mandati kawtelatorji.

13. Dan l-aggravju wkoll huwa għalhekk miċħud.

14. It-tielet aggravju ġie mfisser hekk:

> "Hu minnu li s-soprasessjoni hija diskrezzjonali għall-qorti. Imma daqstant ieħor li hu provvediment eċċezzjonalissimu. U l-użu ta' dik id-diskrezzjoni jrid ikun marbut mal-ħtiega proċesswali. … … … Imma hu ftit wiċċ tost li l-atturi stess jitolbu s-soprasessjoni fil-kawża li jagħmlu huma stess u jkunu qed igħagglu ħalli jieħdu sentenza, umbagħad isibu li ma jistgħux jimxu għaliex fil-fatt it-talba hija intempestiva."

15. Is-soprasessjoni ma tingħatax neċessarjament fl-interess ta' parti jew ta' oħra iżda tista' tingħata wkoll fl-interess tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja f'ċirkostanzi partikolari. Hija wkoll, kif sewwa jgħidu l-konvenuti, "diskrezzjonali għall-qorti", u, bħal f'kull każ ta' setgħa diskrezzjonali, din il-qorti, bħala regola, ma tissostitwix id-diskrezzjoni tagħha għal dik tal-ewwel qorti sakemm ma jintweriex illi l-użu tas-setgħa mill-ewwel qorti kien manifestament żbaljat jew iwassal għal inġustizzja. Fil-każ tallum id-deċiżjoni tal-ewwel qorti kienet motivata, hija raġonevoli, għax maħsuba biex tevita li jintemmu proċeduri li mbagħad ikollhom jerġgħu jibdew meta dawk il-proċeduri jistgħu jiġu salvati bil-*ius superveniens*, u ma toħloqx inġustizzji; anzi tevita l-inġustizzja li l-atturi ma jkunux jistgħu jħarsu l-interessi tagħhom bil-ħruġ ta' mandati kawtelatorji waqt li b'ebda mod ma

tnaqqas mill-jedd tal-konvenuti li jitolbu rimedju jekk dawk il-mandati ma jkunux meħtieġa jew ikunu abusivi.

16. Dan l-aggravju wkoll huwa għalhekk miċħud.

17. Fir-raba' aggravju l-konvenuti jgħidu hekk:

> "Is-soprasessjoni tista' tingħata meta tqum kwestjoni waqt kawża li ma kenitx prevista minn qabel, mill-istess atturi. … … … Issa f'dan il-każ l-atturi messhom kienu jafu li biex xi ħadd jiġi dikjarat li qed jokkupa fond bla titlu, irid ikun hemm jew talba fil-kawża jew hemm sentenza. Ma jistax jistrieħ fuq kawża pendenti, għaliex m'għandhomx ukoll id-dritt li jiddikjaraw huma stess li persuni qed jokkupaw bla titlu."

18. Is-soprasessjoni tista' tingħata fiċ-ċirkostanzi li jsemmu l-konvenuti, iżda mhux f'dawk iċ-ċirkostanzi biss. Ma hemm ebda prinċipju ġenerali li kawża ma tistax tinbeda u tistenna kawża oħra mibdija qabel jekk l-interessi tal-ġustizzja hekk jitolbu. Ma kienx jagħmel sens illi l-atturi f'din il-kawża jerġgħu jitolbu dikjarazzjoni li l-konvenuti ma għandhomx titolu għax kienet tingħata l-eċċezzjoni ta' *litis pendentia*. Ma kienx ikun għaqli għalihom li jkomplu jistennew sakemm tinqata' l-kawża l-oħra qabel jibdew il-kawża tallum ladarba l-ewwel kawża twalet aktar milli kien mistenni. Fiċ-ċirkostanzi, għalhekk, is-soprasessjoni kienet rimedju għaqli.

19. Dan l-aggravju, mibni pjuttost fuq asserzjoni dommatika tal-konvenuti milli fuq prinċipji legali, huwa wkoll miċħud.

20. Il-ħames aggravju ġie mfisser hekk:

> "F'dan il-każ l-esponenti qed isofru dannu serju għax sar sekwestru kontra tagħhom. … … … L-argument li ġej tal-ewwel qorti [sc. illi l-konvenuti jistgħu jitolbu l-ħruġ ta' kontro-mandat] ma jistax ikun aċċettat. … … … Mela f'kawża li hija intempestiva, u tibqa' intempestiva, l-esponenti jkollhom jidħlu fi spejjeż u jagħmlu azzjoni huma dwar il-mandat, ħalli wieħed jara jekk hux eċċessiv jew ġustifikat. Jekk hux ġustifikat jew le tibqa' kwestjoni intimament marbuta mal-kawża 471/2005 li għadha pendenti. Dan rimedju li mhux neċessarjament effettiv."

21. Ir-rimedju li jistgħu jitolbu l-konvenuti ma huwiex biss il-ħruġ ta' kontro-mandat iżda wkoll li tingħata garanzija għad-danni u l-ispejjeż jekk eventwalment jinstab illi l-mandat kien inħareġ abusivament. Billi għalhekk il-konvenuti għandhom rimedju tajjeb u biżżejjed għal kull preġudizzju li jistgħu jġarrbu, dan l-aggravju ma huwiex tajjeb u huwa wkoll miċħud.

22. L-aħħar aggravju tal-konvenuti jgħid hekk:

> "L-argument l-ieħor li setgħu għamlu ż-żewġ talbiet f'kawża waħda qed nitkellmu fuq il-"kieku". Il-qrati jridu jeżaminaw fuq dak li hemm quddiemhom, mhux setgħu tagħmel [*sic*] parti jew oħra. Quddiem il-qorti kellha eċċezzjoni, li ma tistax tiġi frustrata għax igħaddi u jgħaddi ż-żmien."

23. Tassew li bħala fatt saru żewġ kawżi meta setgħet saret kawża waħda, iżda ġà rajna[1] illi din kienet għażla proċedurali leġittima u l-konvenuti ma wrewx li ġarrbu xi preġudizzju billi sar hekk; anzi, seta' kien ta' benefiċċju għaż-żewġ partijiet li kieku l-ewwel kawża nqatgħet fi żmien qasir għax l-eżitu ta' dik il-kawża kien ikun jista' jservi bħala bażi għal transazzjoni mingħajr il-ħtieġa tal-ispejjeż ta' talba għal danni. Il-fatt li ċ-ċirkostanzi ma ħallewx

[1] Para. 12, *supra.*

li jiġri hekk ma jċaħħadx lill-atturi mill-jedd li jikkawtelaw il-pretensjoni tagħhom ukoll jekk biex isir hekk kellha tinfetaħ kawża oħra, u wkoll fid-dawl tal-fatt illi, kif rajna fil-konsiderazzjonijiet dwar l-aggravju ta' qabel dan[2], il-konvenuti għandhom rimedji biżżejjed għal kull preġudizzju li jistgħu jġarrbu bil-ħruġ ta' mandati kawtelatorji.

24. Dan l-aħħar aggravju wkoll huwa għalhekk miċħud.

25. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiċħad l-appell, li tqisu x'aktarx fieragħ fiċ-ċirkostanzi, tikkonferma d-deċiżjoni tal-ewwel qorti u tikkundanna lill-konvenuti appellanti jħallsu l-ispejjeż tal-appell.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur

ld

2 Para. 21, *supra.*